# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.7

**Kap 7: Niskopru l-valuri**

**Lezzjoni 7.7: Ġesù kien iħobb tassew**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jagħrfu x'għamel Kristu sa ma wasal sa fuq is-salib.
2. Jagħrfu l-importanza tal-maħfra.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- PPT bi stampi ta' slaleb

– Kanzunetta:

http://www.youtube.com/watch?v=KBALcN701NU

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Uri stampi differenti ta' diversi slaleb (salib fi knisja, salib bħala ġojjellerija li tintlibes, salib bħala key-chain, eċċ...)
- Għid lill-istudenti li nistgħu naraw diversi tipi ta' slaleb (bħalma rajna fl-istampi).
- Staqsihom: "X'inhi l-ewwel ħaġa li tidħlilkom f'raskom meta taraw salib?" Isma' l-ideat tal-istudenti.

**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Spjega li darba waqt li Ġesù kien mal-appostli qalilhom li kien se jgħaddi minn tbatija, jiġi msallab fuq salib iżda wara tlett ijiem jerġa' jqum.
- Spjega wkoll li darba oħra Ġesù qal lill-folla li min ried jimxi warajh, kellu jerfa' salibu u jimxi warajh. Staqsi lill-istudenti x'ried ifisser Ġesù b'dan il-kliem.
- Uri li Ġesù kien lest joffri ħajtu stess biex jeħlisna mid-dnub. U dan ifisser li jekk aħna tassew inħobbu lil Ġesù, għandna nkunu lesti nerfgħu s-salib tagħna. Staqsihom x'jista' jkun is-salib tagħna fil-ħajja ta' kuljum (għinhom billi tispjegalhom li s-salib tagħna huwa kull ċirkostanza diffiċli li niltaqgħu magħha fil-ħajja ta' kuljum).
- Spiċċa billi ssemma' l-kanzunetta mogħtija.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. M'għandna qatt nisthu li aħna ma' Ġesù.
2. Is-salib jgħallimna kemm bata Ġesù għalina.
3. Is-salib huwa wkoll stedina għalina minn Ġesù biex nimxu warajh.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



Ejja nippruvaw nagħmlu dejjem dak li hu tajjeb.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Għall-għeluq tal-lezzjoni jisimgħu din il-kanzunetta
http://www.youtube.com/watch?v=KBALcN701NU



**Nitolbu**

Waħda mill-attivitajiet tal-ktieb tirrikjedi li t-tfal jiktbu talba biex juru xi jħossu li għandhom jgħidu lil Ġesù wara li miet għalihom fuq is-salib.

